SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

22 ta' Mejju 2014*

"Politika soċjali — Organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol — Direttiva 2003/88/KE — Dritt għal-leave annwali mħallas — Kompożizzjoni tar-remunerazzjoni — Salarju bażiku u kummissjoni skont id-dħul mill-bejgħ imwettaq"

Fil-Kawża C-539/12,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Employment Tribunal, Leicester (ir-Renju Unit), permezz ta' deċiżjoni tas-16 ta' Novembru 2012, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-26 ta' Novembru 2012, fil-proċedura

Z. J. R. Lock

vs

British Gas Trading Limited,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, President tal-Awla, A. Borg Barthet, E. Levits (Relatur), M. Berger u F. Biltgen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,

Reġistratur: L. Hewlett, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-13 ta' Novembru 2013,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Z. J. R. Lock, minn M. Ford, barrister, S. Cheetham, BL, awtorizzati minn C. Belich, solicitor,

— għal British Gas Trading Limited, minn J. Cavanagh, barrister, u S. Rice-Birchall, avukat,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn L. Christie, bħala aġent, assistit minn S. Lee, barrister,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. van Beek, bħala aġent,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2013,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Z. J. R. Lock u l-persuna li timpjegah, British Gas Trading Limited (iktar 'il quddiem "British Gas"), fir-rigward tar-remunerazzjonijiet imħallsa matul il-leave annwali mħallas tiegħu.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, intitolat "Leave annwali", huwa fformulat kif ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa ħalli jassiguraw li kull ħaddiem ikun intitolat għal-leave annwali bil-ħlas ta' mill-anqas erba' ġimgħat b'konformità mal-kondizzjonijiet għall-intitolament għal, u l-għoti ta', leave bħal dan stabbilit bil-leġislazzjoni nazzjonali u/jew bil-prattika.

2. Il-perjodu minimu ta' leave annwali bil-ħlas ma jistax ikun mibdul b'pagament ta' benefiċċji bħala kumpens, apparti minn meta r-relazzjoni ta' l-impieg tkun ġiet itterminata."

Id-dritt tar-Renju Unit

4 Ir-Regolament tal-1998 dwar il-ħin tax-xogħol (Working Time Regulations 1998) jipprovdi:

"Artikolu 16 – Ħlas skont il-perijodi ta' leave

1. Ħaddiem għandu d-dritt li jitħallas fir-rigward ta' kull perijodu ta' leave annwali li huwa għandu dritt għalih [...], bir-rata li tikkorrispondi għas-salarju ta' ġimgħa għal kull ġimgħa ta' leave.

2. L-Artikoli 221 sa 224 tal-Liġi tal-1996 [fuq id-drittijiet tal-ħaddiema (Employment Rights Act 1996)] japplikaw biex jiġi ddeterminat l-ammont ta' ġimgħa salarju għall-finijiet ta' dan ir-regolament [...]"

5 L-imsemmija Liġi tal-1996 tipprovdi fl-Artikolu 221 tagħha:

"221 – Ġenerali

(1) Dan l-artikolu [...] japplika fil-każijiet li fihom jeżistu sigħat normali tax-xogħol għall-impjegat meta huwa impjegat skont kuntratt ta' xogħol fis-seħħ fid-data tal-kalkolu.

(2) [...], jekk ir-remunerazzjoni tal-impjegat għall-impjieg tiegħu matul il-ħinijiet normali tax-xogħol [...] ma tvarjax bil-volum ta' xogħol li twettaq matul il-perijodu, [...].

(3) [...], jekk ir-remunerazzjoni tal-impjegat għax-xogħol tiegħu matul ħinijiet normali tax-xogħol [...] tvarja bil-volum ta' xogħol li twettaq matul il-perijodu, l-ammont ta' ġimgħa ta' remunerazzjoni huwa l-ammont tar-remunerazzjoni għan-numru ta' sigħat normali ta' xogħol f'ġimgħa kkalkolat bir-rata medja fis-siegħa ta' remunerazzjoni mħallsa mill-persuna li timpjega lill-impjegat għall-perijodu ta' tnax-il ġimgħa [...].

(4) F'dan l-artikolu, ir-riferimenti lil remunerazzjoni li tvarja skont il-volum ta' xogħol li twettaq jinkludu r-remunerazzjoni li tista' tinkludi kull kummissjoni jew kull ħlas simili li l-ammont tiegħu jvarja."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

6 Sa mill-2010 s'issa, Z. J. R. Lock huwa impjegat ma' British Gas bħala konsulent fuq il-bejgħ intern tal-enerġija ("Internal sales Energy Sales Consultant"). Xogħlu huwa li jipprova jikkonvinċi lil klijenti professjonali sabiex jixtru prodotti tal-enerġija tal-persuna li timpjegah.

7 Ir-remunerazzjoni tiegħu tikkonsisti f'żewġ elementi prinċipali. L-ewwel wieħed huwa kkostitwit minn salarju bażiku u t-tieni wieħed minn kummissjoni. Matul il-perijodu inkwistjoni, is-salarju bażiku kien jikkorrispondi għal ammont stabbilit ta' GBP 1 222.50 Liri Sterlini kull xahar.

8 Il-kummissjoni, li hija wkoll titħallas kull xahar, tvarja. Din tiġi kkalkolata b'riferiment għall-bejgħ li effettivament ikun sar u b'hekk tiddependi mhux mill-ħin ta' xogħol li wieħed jinvesti, iżda mir-riżultati ta' dak ix-xogħol, jiġifieri n-numru u t-tip ta' kuntratti ġodda li jkunu ġew konklużi minn British Gas. Il-kummissjoni ma titħallasx fil-mument meta jsir ix-xogħol li jiġġenera l-kummissjoni, iżda diversi ġimgħat jew xhur wara l-konklużjoni tal-kuntratt ta' bejgħ ma' British Gas.

9 Z. J. R. Lock kien fuq leave annwali mħallas mid-19 ta' Diċembru 2011 sat-3 ta' Jannar 2012.

10 Għall-imsemmi xahar ta' Diċembru, ir-remunerazzjoni tiegħu kienet magħmula mir-remunerazzjoni bażika ta' GBP 1 222.50 u minn kummissjoni li kien qala' matul il-ġimgħat preċedenti fl-ammont ta' GBP 2 350.31. Matul is-sena 2011, Z. J. R. Lock tħallas kummissjoni fix-xahar ta' ammont medju ta' GBP 1 912.67.

11 Peress li Z. J. R. Lock ma għamel ebda xogħol matul il-perijodu ta' leave annwali tiegħu, huwa ma kienx f'pożizzjoni li jikkonkludi bejgħ ġdid jew li jsegwi bejgħ potenzjali matul dak il-perijodu. Għaldaqstant, huwa ma kienx f'pożizzjoni li jiġġenera kummissjoni matul dak il-perijodu. Peress li din iċ-ċirkustanza kellha riperkussjonijiet sfavorevoli fuq is-salarju li rċieva Z. J. R. Lock matul ix-xhur wara l-leave annwali, Z. J. R. Lock ddeċieda li jippreżenta quddiem il-qorti tar-rinviju rikors għan-nuqqas ta' ħlas tar-remunerazzjoni li għandha titħallas fuq il-bażi tal-leave annwali mħallas ("holiday pay") għall-perijodu mid-19 ta' Diċembru 2011 sat-3 ta' Jannar 2012.

12 F'dawn iċ-ċirkustanzi l-Employment Tribunal, Leicester, iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Meta

— ir-remunerazzjoni annwali ta' ħaddiem tinkludi r-remunerazzjoni bażika u l-ħlasijiet ta' kummissjoni li jingħataw skont dritt għall-kummissjoni stabbilt f'kuntratt;

— l-kummissjoni titħallas b'riferiment għall-bejgħ magħmul u għall-kuntratti konklużi mill-persuna li timpjega grazzi għax-xogħol tal-ħaddiem;

— l-kummissjoni titħallas f'arretrati u l-ammont tal-kummissjoni rċevut matul perijodu ta' riferiment partikolari jvarja skont il-valur tal-bejgħ mwettaq u l-kuntratti konklużi kif ukoll iż-żmien li fih sar dan il-bejgħ;

— matul il-perijodi ta' leave annwali, il-ħaddiem ma jagħmel l-ebda xogħol li kieku jintitolah għal dawn il-ħlasijiet tal-kummissjoni u għaldaqstant ma jiġġenerax kummissjoni fir-rigward ta' dawn il-perijodi;

— għall-perijodu ta' remunerazzjoni li jinkludi perijodu ta' leave annwali, il-ħaddiem huwa intitolat għar-remunerazzjoni bażika u jibqa' jirċievi ħlasijiet tal-kummissjoni bbażati fuq kummissjoni li huwa jkun qala' preċedentement; u

— il-medja tal-qligħ tal-kummissjoni tiegħu matul is-sena tkun inqas minn dik li kien ikollu kieku l-ħaddiem ma kienx ħa leave, minħabba li, matul il-perijodu ta' leave, huwa ma kienx għamel xogħol li kien jintitolah għall-ħlasijiet tal-kummissjoni,

l-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/104/KE [tal-Kunsill, tat-23 ta' Novembru 1993, dwar xi aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 197)], kif emendata bid-Direttiva 2003/88[...], jimponi li l-Istati Membri jieħu miżuri sabiex jiżguraw li ħaddiem jitħallas fir-rigward ta' perijodi ta' leave annwali, b'riferiment għall-ħlasijiet ta' kummissjoni li huwa kieku kien jaqla' matul dak il-perijodu li kieku ma kienx ħa l-leave, kif ukoll ir-remunerazzjoni bażika tiegħu?

2) Liema huma l-prinċipji applikabbli għall-ewwel domanda?

3) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda hija fl-affermattiv, liema huma l-prinċipji (jekk hemm) li huma meħtieġa li jiġu adottati mill-Istati Membri fil-kalkolu tas-somma dovuta lill-ħaddiem b'riferiment għall-kummissjoni li l-ħaddiem kien jew seta' jaqla' li kieku ma ħax il-leave annwali?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel u t-tieni domanda

13 Permezz tal-ewwel u t-tieni domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjonijiet u prattiki nazzjonali skont liema ħaddiem li r-remunerazzjoni tiegħu tikkonsisti, minn naħa waħda, f'salarju bażiku u, min-naħa l-oħra, f'kummissjoni li l-ammont tagħha huwa stabbilit b'riferiment għall-kuntratti konklużi mill-persuna li timpjega li huma riżultat tal-bejgħ imwettaq minn dan il-ħaddiem, għandu dritt biss, fuq il-bażi tal-leave annwali mħallas tiegħu, għal remunerazzjoni li tikkonsisti esklużivament fis-salarju bażiku tiegħu.

14 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, li skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-dritt għal-leave annwali mħallas ta' kull ħaddiem għandu jitqies li huwa prinċipju tad-dritt soċjali tal-Unjoni Ewropea ta' importanza partikolari, li minnu ma tistax issir deroga u li l-implementazzjoni tiegħu mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandha ssir biss fil-limiti espressament stipulati fid-Direttiva 93/104 stess, direttiva li ġiet ikkodifikata bid-Direttiva 2003/88 (ara s-sentenza, KHS, C-214/10, EU:C:2011:761, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata). Barra minn hekk, dan id-dritt huwa espressament stabbilit fl-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li skont l-Artikolu 6(1) TUE għandha l-istess saħħa legali bħat-Trattati.

15 F'dan il-kuntest, l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-kliem tiegħu kif ukoll tal-għan li jsegwi.

16 Issa, għalkemm il-kliem tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 ma jagħtu ebda indikazzjoni espliċita fir-rigward tar-remunerazzjoni li għaliha għandu dritt il-ħaddiem matul il-leave annwali tiegħu, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni tippreċiża li l-espressjoni "leave annwali bil-ħlas" li tinsab fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 tfisser li, matul il-perijodu ta' "leave annwali" fis-sens ta' din id-direttiva, ir-remunerazzjoni għandha tibqa' titħallas u li, fi kliem ieħor, il-ħaddiem għandu jirċievi

r-remunerazzjoni normali għal dan il-perijodu ta' mistrieħ (ara s-sentenzi Robinson-Steele *et*, C-131/04 u C-257/04, EU:C:2006:177, punt 50, kif ukoll Schultz-Hoff *et*, C-350/06 u C-520/06, EU:C:2009:18, punt 58).

17 Fil-fatt, id-direttiva tittratta d-dritt għal leave annwali u d-dritt li jinkiseb ħlas f'dan ir-rigward bħala li jikkostitwixxu ż-żewġ naħat ta' dritt wieħed. L-għan li jiġi rremunerat dan il-leave huwa li l-ħaddiem, matul l-imsemmi leave, jitqiegħed f'sitwazzjoni li hija, fir-rigward tas-salarju, paragunabbli mal-perijodi tax-xogħol (ara, is-sentenzi Robinson-Steele *et*, EU:C:2006:177, punt 58, kif ukoll Schultz-Hoff *et*, EU:C:2009:18, punt 60).

18 Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, British Gas kif ukoll il-gvern tar-Renju Unit jargumentaw li, skont id-dispożizzjonijiet u l-prattiki nazzjonali, l-għan tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, kif huwa interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, jintlaħaq peress li r-rikorrent fil-kawża prinċipali gawda, matul il-perijodu tiegħu tal-leave annwali mħallas, minn salarju paragunabbli għal dak riċevut matul il-perijodi tax-xogħol, peress li kellu, matul l-imsemmi perijodu, mhux biss is-salarju bażiku tiegħu, iżda wkoll il-kummissjoni maħruġa mill-bejgħ li kien wettaq matul il-ġimgħat preċedenti għal dan il-perijodu ta' leave annwali.

19 Dan l-argument ma jistax jintlaqa'.

20 Ċertament, il-kundizzjonijiet imposti fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja, jidhru osservati mid-dispożizzjonijiet u l-prattiki nazzjonali sa fejn, matul il-perijodu tal-leave annwali tiegħu, il-ħaddiem għandu ammont globali paragunabbli għal dak riċevut matul il-perijodi tax-xogħol. B'hekk, dan l-ammont imħallas, minn naħa, fuq il-bażi tal-leave annwali tiegħu u, min-naħa l-oħra, fuq il-bażi tal-bejgħ li wettaq matul il-ġimgħat preċedenti tal-perijodu tal-leave annwali tiegħu, jippermetti lill-ħaddiem jieħu effettivament il-leave li għalih huwa għandu d-dritt (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Robinson-Steele *et,* EU:C:2006:177, punt 49).

21 Madankollu, għandu jiġi kkunsidrat li, minkejja r-remunerazzjoni li għandu l-ħaddiem matul il-perijodu tat-teħid effettiv tal-leave annwali, dan il-ħaddiem jista' jiġi skoraġġut milli jeżerċita d-dritt tiegħu għal leave annwali fid-dawl tal-iżvantaġġ finanzjarju ddifferit, iżda subit b'mod reali ħafna matul il-perijodu li jsegwi dak tal-leave annwali.

22 Fil-fatt, kif ammettiet il-British Gas matul is-seduta, il-ħaddiem ma jiġġenerax kummissjoni matul il-perijodu tal-leave annwali tiegħu. Konsegwentement, kif jirriżulta mill-punt 8 ta' din is-sentenza, il-perijodu li jsegwi dak tal-leave annwali jagħti lok biss għal remunerazzjoni mnaqqsa għas-salarju bażiku tal-ħaddiem. Dan l-impatt finanzjarju negattiv jista' jikkawża effett dissważiv fuq it-teħid effettiv tal-imsemmi leave li, kif ippreċiża l-Avukat Ġenerali fil-punt 34 tal-konklużjonijiet tiegħu, huwa barra minn hekk iktar probabbli f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali fejn il-kummissjoni tirrappreżenta bħala medja iktar minn 60 % tar-remunerazzjoni li jirċievi l-ħaddiem.

23 Issa, dan it-tnaqqis tar-remunerazzjoni ta' ħaddiem fuq il-bażi tal-leave annwali mħallas tiegħu, li jista' jiskoraġġih milli jeżerċita effettivament id-dritt tiegħu għal dan il-leave, huwa kuntrarju għall-għan segwit mill-Artikolu 7 tad-Direttiva2003/88 (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza Williams *et*, C-155/10, EU:C:2011:588, punt 21). F'dan ir-rigward, il-fatt li dan it-tnaqqis tar-remunerazzjoni huwa subit, bħal fil-kawża prinċipali, wara perijodu ta' leave annwali, ma għandux rilevanza.

24 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq, ir-risposta għall-ewwel u t-tieni domandi għandha tkun li l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjonijiet u prattiki nazzjonali skont liema ħaddiem li r-remunerazzjoni tiegħu tikkonsisti, minn naħa waħda, f'salarju bażiku u, min-naħa l-oħra, f'kummissjoni li l-ammont tagħha huwa stabbilit b'riferiment għall-kuntratti konklużi mill-persuna li timpjiega li huma riżultat tal-bejgħ imwettaq minn dan il-ħaddiem, għandu dritt biss, fuq il-bażi tal-leave annwali mħallas tiegħu, għal remunerazzjoni li tikkonsisti esklużivament fis-salarju bażiku tiegħu.

Fuq it-tielet domanda

25 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk, fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, hemmx indikazzjonijiet, u jekk ikun il-każ liema, li joħorġu mill-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 fir-rigward tal-metodi ta' kalkolu tal-kummissjoni li għaliha ħaddiem, bħar-rikorrent fil-kawża prinċipali, għandu dritt fuq il-bażi tal-leave annwali tiegħu.

26 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, l-ewwel nett, li r-remunerazzjoni mħallsa għal-leave annwali għandha fil-prinċipju tiġi kkalkolata b'mod li tikkorrispondi għar-remunerazzjoni regolari li jirċievi l-ħaddiem (ara s-sentenza Williams *et,* EU:C:2011:588, punt 21).

27 Iżda meta r-remunerazzjoni li kull ħaddiem jirċievi tkun tikkonsisti minn diversi elementi, id-determinazzjoni ta' din ir-remunerazzjoni regolari u għalhekk tal-ammont li l-ħaddiem għandu dritt għalih matul il-leave annwali tiegħu, tkun teħtieġ analiżi speċifika. (ara s-sentenza Williams *et,* EU:C:2011:588, punt 22).

28 Kif ġie kkonstatat fil-punt 7 ta' din is-sentenza, dan huwa l-każ fir-rigward tar-remunerazzjoni ta' Z. J. R. Lock. Fil-fatt, dan il-ħaddiem jirċievi, bħala konsulent tal-bejgħ, impjegat minn kumpannija kummerċjali, remunerazzjoni li tikkonsisti f'salarju fiss kull xahar u kummissjoni li tvarja marbuta mal-kuntratti konklużi mill-persuna li timpjiega li huma riżultat tal-bejgħ imwettaq minn Z. J. R. Lock.

29 Fil-kuntest ta' analiżi speċifika, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq, huwa stabbilit li kull nuqqas ta' qbil li huwa intrinsikament marbut mal-eżekuzzjoni tad-dmirijiet tal-ħaddiem skont il-kuntratt ta' xogħol tiegħu u kkumpensat minn ammont ta' flus użat sabiex tiġi kkalkolata r-remunerazzjoni globali ta' ħaddiem għandu neċessarjament ikun parti mill-ammont li għalih il-ħaddiem huwa intitolat matul il-leave annwali tiegħu (ara s-sentenza Williams *et*, EU:C:2011:588, punt 24).

30 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li l-elementi tar-remunerazzjoni globali li huma relatati mal-istatus personali u professjonali tal-ħaddiem għandhom jinżammu matul il-leave annwali bil-ħlas ta' dan il-ħaddiem. Għalhekk, jekk ikun il-każ, il-pagamenti supplimentari relatati mal-kwalità tiegħu bħala ħaddiem b'pożizzjoni ġerarkika għolja, mal-anzjanità tiegħu u mal-kwalifiki professjonali tiegħu għandhom jinżammu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Parviainen, C-471/08, EU:C:2010:391, punt 73, kif ukoll Williams *et,* EU:C:2011:588, punt 27).

31 Min-naħa l-oħra, skont din l-istess ġurisprudenza, l-elementi tar-remunerazzjoni globali tal-ħaddiem li jfittex esklużivament li jkopri l-ispejjeż okkażjonali jew inċidentali li jinqalgħu b'rabta mal-eżekuzzjoni tal-kompiti tal-ħaddiem skont il-kuntratt ta' xogħol tiegħu ma għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni meta jiġi kkalkolat il-ħlas li għandu jitħallas matul il-leave annwali (ara s-sentenza Williams *et,* EU:C:2011:588, punt 25).

32 Fil-kawża prinċipali, kif jirrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 31 sa 33 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-kummissjoni li rċieva Z. J. R. Lock għandha rabta diretta mal-attività tiegħu fi ħdan l-impriża. Għaldaqstant, teżisti rabta intrinsika bejn il-kummissjoni li jirċievi kull xahar Z. J. R. Lock u l-eżekuzzjoni tal-kompiti tiegħu skont il-kuntratt ta' xogħol tiegħu.

33 B'hekk jirriżulta li din il-kummissjoni għandha tittieħed inkunsiderazzjoni matul il-kalkolu tar-remunerazzjoni globali li għaliha ħaddiem, bħar-rikorrent fil-kawża prinċipali, għandu dritt fuq il-bażi tal-leave annwali tiegħu.

34 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa, fid-dawl tal-prinċipji rilaxxati mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, iċċitata iktar 'il fuq, jekk, fuq il-bażi ta' medja fuq il-perijodu ta' riferiment ikkunsidrat rappreżentattiv, b'applikazzjoni tad-dritt nazzjonali, il-metodi ta' kalkolu tal-kummissjoni dovuta lil ħaddiem, bħar-rikorrent fil-kawża prinċipali, fuq il-bażi tal-leave annwali tiegħu, jilħqux l-għan imfittex mill-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88.

35 Konsegwentement, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li l-metodi ta' kalkolu tal-kummissjoni li għaliha ħaddiem, bħar-rikorrent fil-kawża prinċipali, għandu dritt fuq il-bażi tal-leave annwali tiegħu għandhom jiġu evalwati mill-qorti nazzjonali, fuq il-bażi tar-regoli u tal-kriterji stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u fid-dawl tal-għan imfittex mill-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88.

Fuq l-ispejjeż

36 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjonijiet u prattiki nazzjonali li jipprovdu li ħaddiem li r-remunerazzjoni tiegħu tikkonsisti, minn naħa waħda, f'salarju bażiku u, min-naħa l-oħra, f'kummissjoni li l-ammont tagħha huwa stabbilit b'riferiment għall-kuntratti konklużi mill-persuna li timpjega li huma riżultat tal-bejgħ imwettaq minn dan il-ħaddiem, għandu dritt biss, fuq il-bażi tal-leave annwali mħallas tiegħu, għal remunerazzjoni li tikkonsisti esklużivament fis-salarju bażiku tiegħu.**

2) **Il-metodi ta' kalkolu tal-kummissjoni li għaliha ħaddiem, bħar-rikorrent fil-kawża prinċipali, għandu dritt fuq il-bażi tal-leave annwali tiegħu għandhom jiġu evalwati mill-qorti nazzjonali, fuq il-bażi tar-regoli u tal-kriterji stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u fid-dawl tal-għan imfittex mill-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88.**

Firem